# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum Il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru 2015**

**Ċitazzjoni Numru: 68/2004**

**Saviour Grech u**
**martu Agnes Grech**

**vs**

**Joseph Portelli u**
**martu Giovanna sive Jane Portelli**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi f'inċident li seħħ fid-29 ta' Settembru 2000, l-attur sofra danni fuq il-persuna tiegħu wara li l-konvenut volontarjament ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-attur, li b'konsegwenza tagħhom l-attur tilef ix-xogħol u sofra debilita' permanenti li ġiet stabbilita mill-Espert Ortopediku Mr. Raymond Aquilina;

Illi għall-istess inċident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli l-konvenut, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi għalkemm interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Settembru 2000, f'liema inċident l-attur soffra danni fuq il-persuna tiegħu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominadi;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali datata 24 ta' Mejju 2002, bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament ikkonfermata minn Saviour Grech.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Portelli li eċċepixxa:

1. Illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikli 2148 u 2149 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap 16 tal-Liġijiiet ta' Malta;

2. Ili, mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-inċident seħħ unikament bi ħtija tal-attur, kif jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

3. Illi l-allegazzjoni premessa fiċ-ċitazzjoni odjerna illi l-attur sofra danni fuq il-persuna tiegħu wara illi l-konvenut volontarjament ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-attur, li b'konsegwenza tagħhom l-attur tilef ix-xogħol u sofra debilita permanenti, hija għal kollox inveritiera u nfondata fid-dritt u fil-fatt;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk jirriżulta illi l-attur ġarrab xi danni għandu japplika l-prinċipju li "volenti nono fit injuria" stante illi jekk jirriżulta illi l-attur ġarrab xi danni b'konsegwenza ta' debilita permanenti, tali debilita permanenti hija totalment responsabilita tal-attur u dan kif jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta Giovanna Portelli li eċċepiet illi:

1. Illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikli 2148 u 2149 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, preliminarjament, illi l-eċċipjenti Giovanna sive Jane Portelli ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi u għalhekk għandha tkun liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-inċident seħħ unikament bi ħtija tal-attur, kif jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

4. Illi l-allegazzjoni premessa fiċ-ċitazzjoni odjerna illi l-attur sofra danni fuq il-persuna tiegħu wara illi l-konvenut volontarjament ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-attur, li b'konsegwenza tagħhom l-attur tilef ix-xogħol u sofra debilita permanenti, hija għal kollox inveritiera u nfondata fid-dritt u fil-fatt;

5. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk jirriżulta illi l-attur ġarrab xi danni għandu japplika l-prinċipju li "volenti non fit injuria" stante illi jekk jirriżulta illi l-attur ġarrab xi danni b'konsegwenza ta' debilita permanenti, tali debilita permanenti hija totalment responsabilita tal-attur u dan kif jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta ikkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru 2009 li bih ġie nominat il-kirurgu Mr. Charles Grixti sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tal-attur.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert mediku ppresentata fil-5 ta' Marzu 2010 u minnu maħlufa fis-7 ta' Jannar 2011.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2010 li bih ġie nominat il-psikologu Dr. Anton Grech sabiex jistabilixxi l-attur għandux xi infermita' mentali li tista' tkun irriżultat mill-inċident mertu tal-kawża.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert ppresentata fil-31 ta' Jannar 2011 u maħlufa fit-18 ta' Ġunju 2011.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Jannar 2013 fejn innominat lill-psikjatri Dr. Joseph Spiteri, Dr. Joseph Roger Saliba u Dr. Jean Pierre Giorgio bħala esperti addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni tal-istess esperti ppresentata fit-12 ta' Diċembru 2013 u maħlufa minn Dr. Spiteri fl-14 ta' Jannar 2014 u minn Dr. Giorgio u Dr. Saliba fid-9 ta' Settembru 2014.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti, inklużi l-atti tal-kawża "Pulizija vs Joseph Portelli," esebiti mill-atturi permezz ta' Nota tal-5 ta' Lulju 2011.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ġunju 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija azzjoni *ex delicto* in segwitu għal ġlieda li nqalgħet bejn l-attur u l-konvenut, fejn l-atturi rreklamaw mingħand il-konvenut id-danni minħabba allegata debilita' permanenti kkaġunata fuq il-persuna tal-attur per konsegwenza ta' din il-ġlieda.

Preliminarjament iż-żewġ konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-artikoli 2148 u 2149 tal-Kap.16. Din l-eċċezzjoni ġiet pero' rtirata mill-konvenut permezz tal-verbal tal-legali tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2005, u mill-konvenuta fin-Nota tal-Osservazzjonijet responsiva tal-konjuġi Portelli tat-28 ta' Awwissu 2015.

Il-konvenuta eċċepiet ukoll li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Billi, kif ingħad, din hija kawża *ex delicto* ibbażata fuq ir-responsabilita' personali ta' min ikun ikkawża d-danni, u mkien ma ġie allegat li l-konvenuta kienet b'xi mod involuta fl-inċident mertu tal-kawża, hemm lok illi din l-eċċezzjoni tiħi milqugħa. Dan għaliex l-Artikolu 1372(d) Kap.16 jeskludi espressament mid-djun tal-komunjoni tal-akkwisti "**l-indenniz dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda**".

Niġu issa għall-mertu.

PROVI

Ġara illi dakinhar tad-29 ta' Settembru 2000 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu l-attur kien għadu kemm rama' bil-van tiegħu biex ibiegħ il-ġelati fil-bajja tad-Dwejra, limiti ta' San Lawrenz, x'ħin wasal il-konvenut bil-van tal-ġelati tiegħu u allegatament laqat xi tabelli li kellu qrib il-van tiegħu l-attur. Dawn kienu jarmaw qrib xulxin,[1] u jidher li kien hemm ċerta antagoniżmu bejniethom bħala kompetituri. L-attur minnufih mar jieħu s-sodisfazzjoni mal-konvenut u qorob lejn it-tieqa tan-naħa tad-driver tal-van tal-konvenut biex ikellmu. Hemmhekk inqalgħet ġlieda u l-attur u l-konvenut spiċċaw f'idejn xulxin, bit-tnejn li huma jġarrbu xi feriti, tal-konvenut ħfieh,[2] imma dawk tal-attur sfortunatament iżjed serji.[3]

Quddiem din il-Qorti <u>l-attur</u> fisser l-inċident *de quo* bil-mod segwenti:

*"Dakinhar inżilt narma, bejn is-sebgħa u t-tmienja, is-soltu, u niżżilt it-taħwid, u dan niżel, …u x'ħin niżel qabad tajjarli t-taħwid, baqa' dieħel ġo t-taħwid apposta, is-soltu tiegħu … u mort inkellmu. X'ħin mort inkellmu qabad jagħtini … rama jagħtini bil-ponn ġo wiċċi u ġo rasi, fetaħ il-bieba, tani daqqa ta' bieba, qbadna f'xulxin, biex inżommlu jdejh biex ma jagħtinix. Intfajna fl-art, jien inżommlu jdejh u hu jagħtini bis-sieq ... Imbagħad ramieni minn fuqu u qabad jagħtini bil-ponn ġo wiċċi, qaċċatli sebgħi, …"*[4]

Fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut, l-attur bejn wieħed u ieħor qal l-istess affarijiet. Wara li allegatament il-konvenut tajjarlu t-tabelli:

*"…mort inkellmu bil-kelma t-tajba u x'ħin mort inkellmu qabad itini … tefgħani fl-art, faqgħali wiċċi u ngħidlu 'Erħini, erħini' ma riedx. X'ħin reħieni mort biex inqum, kif rani li mhux qed nagħmel resistenza miegħu, kelli biex inżommlu jdejh biex itini, tani daqqa hawn, faqagħhuli…"*. [5]

<u>Il-konvenut</u>, da parti tiegħu, ta din il-verżjoni tal-inċident quddiem din il-Qorti:

*"… Kien għadni miexi jien. Hu ġie jiġri minn got-tieqa u beda jtini bil-ponn minn ġot-tieqa tal-van tiegħi. Jien tellajt il-handbrake tal-van, għamiltu free il-van u b'idi l-oħra nżommu biex ma jibqax itini. Pruvajt ninzel mill-van għax*

---

[1] Ara ritratti Dokti. JP1 u JP 2 a fol.63 tal-process

[2] Ara ċertifikat mediku rilaxxjat mit-tabib Dr. Joseph Vella esebit bħala Dok.JV 1 a fol.186

[3] Ara relazzjoni tal-kirurgu Mr. Charles Grixti a fol.144 -148, u tal-psikjatri addizzjonali a fol.489 -493; ara wkoll ritratti esebiti bhala Dok.VG 2 a fol. 129

[4] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 26 -27

[5] Ara kopja tad-deposizzjoni tiegħu tad-29.11.2002 quddiem dik il-Qorti a fol. 207 - 211

*bżajt minnu dak il-ħin għax dawn l-affarijiet qatt m'għamilthom u qatt ma bsart li se jiġru u ftaħt il-bieba tal-van biex naħrab minn ġol-van u waqajt għal wiċċi fl-art kif ħriġt minn ġo l-van. Hu tela' fuqi u beda jtini go dari bil-ponn. Kif kont qiegħed hekk jien wiċċi mal-art ġo ż-żrar tajt salt, kemm il-Bambin tani saħħa dak il-ħin u tajjartu minn fuqi, qomt u mort niġri nċempel lill-Pulizija …"* [6]

Quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali il-konvenut (dakinhar imputat) xehed hekk:

*"…Kif kont għadni ma waqaftx, kont għadni ġej ha nipparkja warajh, Salvu qal: 'Għax tajjartli t-tabelli?' Ġie jiġri, jien kelli l-ħġieġa tal-van imniżżla għax kien is-sajf, ġie jiġri u xejjirli daqa ta' ponn minn ġo t-tieqa. Jien kien għadni miexi … Sadanittant bdejt inżommu b'idi l-waħda u bl-oħra ħtaft il-handbrake u tellajtu biex ma naħbatx ġo l-van tiegħu. Kien għadni mbiegħed żewġ metri mill-van tiegħu. U tellajt il-handbrake u sadanittant qed inżommu b'idi l-waħda hekk u hu jipprova jagħtini. L-ewwel waħda laqatni, laqatni hawn ġo wiċċi, imbagħad tellajt il-handbrake, għamilt il-van free u tfejtu b'idi l-oħra. Sadanittant bqajt inżommu hekk biex ma jagħtinix minn ġo l-van u ftaħt il-bieba u ħriġt biex naħrab ġo l-pjazza. X'ħin ħriġt tfixkilt, waqajt għal wiċċi fl-art, hu tela' fuqi; tela fuq dahri u beda jagħtini. Jien kif kont hekk wiċċi ma' l-art ġo ż-żrar bdejt nara kif se nagħmel biex intajru minn fuqi lil dan. Imbagħad dort hekk u tajt salt hekk u tajjartu minn fuqi lilu u qomt niġri u mort fit-telephone booth biex inċempel l-Għassa."*[7]

Is-surġent Mario Cassar li mar fuq il-post hekk kif issejħet il-pulizija, xehed fil-proċeduri kriminali u qal:

*"Fid-29 ta' Settembru għall-ħabta tat-8.00a.m. Joseph Portelli ċempel lill-pulizija l-Għassa u qalilna 'Ejjew id-Dwejra għax hawn ġlieda. Kif wasalt id-Dwejra nsibu hemmhekk... u qalli li kien hemm Salvu Manini* (b'referenza għall-attur), *qal li laqatlu t-talbella u dan beda jtieħ fit-truck. Qalli 'Ppruvajt niddefendi ruħi jien' Joseph Portelli.*

*Wara mort kellimt lil Salvu Grech li kien qiegħed in-naħa l-oħra u dan kif rajtu kellu wiċċu qisu sfigurat. Kellu n-naħa tax-xellug minfuh ħafna u għedtlu 'X'ġara'? Qalli 'Jien kont armat…u ġie kaxkarli kollox bit-truck tiegħu. Imbagħad beda jtini bil-ponn u bis-sieq u tefagħni fl-art.' Dak jidher li kellu xi ġrieħi qisu grif ma nafx fejn sewwa Joseph Portelli … u lil Portelli għidtlu 'Dak x'ġara biex l-ieħor kellu wiċċu minfuh?' Qalli 'Bilfors li lqattu jien."*[8]

L-unika xhud okulari, allegatament, ta' parti biss mill-inċident kien Salvu Caruana. Dan ġie prodott mill-konvenut, u fl-affidavit tiegħu spjega illi:

---

[6] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 57 - 62

[7] Ara deposizzjoni tiegħu tas-26 ta' Jannar 2005 a fol. 222 - 227

[8] Ara deposizzjoni tiegħu tal-1.03.2002 a fol. 201 - 202

*"Niftakar li darba fost l-oħrajn f'Settembru ta' xi disa' snin ilu, jiena kont id-Dwejra, Għawdex. F'xi s-sebgħa u nofs it-tmienja neqsin kwart rajt it-truck tal-ġelat ta' Salvu Grech, jgħidulu ta' Manini li niżel id-Dwejra.U kif sab postu fil-pjazza Salvu beda jarma t-tabelli tiegħu barra. Għal xi t-tmienja ta' filgħodu Joseph Portelli niżel id-Dwejra bit-truck tiegħu. Kif wasal Portelli, nara lil Grech jiġri bir-rabja lejn it-truck ta' Portelli u jxejjer b'idejh. Fil-fatt Portelli kien għadu lanqas biss waqaf. Portelli kien għadu fit-truck għax kien għadu jasal. It-truck kien għadu mqabbad iżda t-tieqa tan-naħa ta' Portelli kienet miftuħa u kif Grech laħaq it-truck, huwa ħabat għalih u ta daqqa ta' ponn lil Portelli minn ġo t-tieqa. Jien kif rajt hekk qbadt u tlaqt minn hemm u nżilt ġo d-Dwejta isfel."*[9]

Fil-proċeduri kriminali kien iżjed xott, u qal biss illi:

*"Jiena naħdem mal-gvern bħala beach cleaner id-Dwejra. Jiena kont nara lill-imputat kif ukoll lil Salvu Grech amati bil-kiosks tal-ġelati d-Dwejra. Fit-22 ta' Settembru għal ħabta tat-8.00 ta' filgħodu kont għadni kemm għaddejt minn quddiem dawn iż-żewġ kiosks tal-ġelati, rajt lil Salvu Grech ħabat jiġri lejn l-imputat u newwillu daqqa ta' ponn f'wiċċu. Salvu Grech le ħeb għall-imputat. Kienet l-unika ħaġa li rajt għaliex bqajt sejjer fuq xogħoli. Fil-ħin li Salvu Grech ta din id-daqqa ta' ponn, jien ma rajt lil Portelli jagħmel xejn. Mistoqsi jekk rajtux itajjar x'affarijet, ngħid li le."*[10]

RESPONSABILITA'

Illi in propositu u fl-ewwel lok din il-Qorti tirriferi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sens li *"Danni kkaġunati fi ġlieda ma humiex danni kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma huma danni konsegwenzjali għal azzjoni kriminuża vera u propria, u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali."*[11]

Il-parteċipanti f'din il-ġlieda taw verżjonijet konfliġġenti dwar kif ġraw l-affarijiiet, u għalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tistabilixxi dak li fi grad ta' probabilita' setgħu tassew kienu l-fatti.

F'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti għandha tiġi ggwidata mis-segwenti prinċipji:

1. *li tagħraf tirrikava korroborazzjoni li tista' tikkonforta t-teżi ta' naħa waħda jew oħra fost il-kontendenti. Dan bl-adoperu tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u tal-verosimiljanza, in kwantu dawn huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (kollez. Vol.L p.II p.440);*

[9] Ara affidavit a fol.177
[10] Ara deposizzjoni tiegħu a fol.233
[11] Appell Ċivili 30.11.1056: Francesco Gauci vs Salvatore Gauci

2. *li tara jekk huwiex il-każ li tapplika xi waħda minn dawn il-massimi: 'actore non probate reus absolvitur' jew 'reus in excipiendo fit actor'; u*

3. *fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriteju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja."* [12]

L-attur, kif rajna, jgħid li hekk kif mar ikellem lill-konvenut, dan taħ daqqa ta' ponn ġo wiċċu, niżel għalih mill-van u spiċċaw jissieltu ma' xulxin. Il-konvenut, minn naħa l-oħra jsostni li l-ewwel daqqa qalagħaha meta kien għadu fil-van, għalkemm jammetti li mbagħad niżel għall-attur u spiċċaw fl-idejn. L-unika xhud okulari, Saviour Caruana, jikkorrobora lill-konvenut, fis-sens li l-attur ta daqqa' ta' ponn lill-konvenut waqt li dan kien għadu fil-van tiegħu, imma jieqaf hemm. Dan ix-xhud sostna din il-verżjoni tiegħu, sew quddiem il-Qorti Kriminali, kif ukoll quddiem din il-Qorti. Huwa pero' ferm diffiċli li jitwemmen, għax xejn m'hu verosomili li kull ma ra kien lill-konvenut jaqla' daqqa ta' ponn, dawwar wiċċu, telaq' l'hemm u ma ra xejn iżjed. Ix-xhieda tiegħu ser tiġi għalhekk skartata.

Miċ-ċertifikati mediċi relattivi tal-partecipanti f'din il-ġlieda, jirriżulta li t-tnejn li huma qalgħu d-daqqiet ta' ponn f'wiċċhom, b'dawk tal-attur ikunu iżjed gravi.[13] Fil-fehma ta' din il-Qorti l-probabilita' hija li l-ewwel daqqa ta' ponn tassew ingħatat mill-attur, għax tenut kont ta' kemm dan kien ilu rritat bil-konvenut, wara t-twaqqiegħ tat-tabelli, intenzjonalment jew inċidentalment bqajna ma nafux, ma kienx ser jaqbad u sempliċement imur ikellem lill-konvenut bil-kelma t-tajba, kif tagħna l-impressjoni li għamel. Huwa iżjed naturali li fir-rabja li kellu għall-konvenut u fis-saħna tal-mument, l-ewwel reazzjoni tiegħu kienet li jfajjarlu daqqa ta' ponn.

Fin-Nota tal-Eċċezzjonijet tiegħu l-attur iressaq bħala difiża l-prinċipju tal-*volenti non fit iniuria.* Ingħad fid-dottrin ngliża f'dan ir-rigward illi:

*"A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he ageed to run."* [14]

Ma jidhirx pero' li din id-difiża hija applikabbli għall-każ in eżami. Żgur ma seta' kien hemm ebda aċċettazzjoni da parti tal-attur li jirriskja li jġarrab ix-xebgħa li qala' mingħand il-konvenut. Iżjed huwa l-każ, li, kif

[12] Appell Inferjuri: Joseph Borg et vs Joseph A. Bartolo
[13] Ara affidavit ta' Dr.Ian Galea a fol.122 b'referenza għall-attur, u Dok.JV 1 afol, 186 fir-riward tal-konvenut
[14] Chalesworth: On Negligence, 5th ed. Pg.364

semma' fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-inċident seħħ bi ħtija tal-attur. Infatti fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu jelabora li huwa kien provokat biex jirreaġixxi għall-agressjoni inaspettata tal-attur. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri): *"Il-provokazzjoni bħala difiża huwa regolat bil-proviso tal-artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi test oġġettiv għal sitwazzjoni bħal din. Fil-kawża "Il-Pulizija versus Emanuel Tabone" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 intqal "Biex provokazzjoni tkun tista' titqies bħala skużanti, trid tissodisfa r-rekwiżti kollha tal-proviso tal-artikolu 227(c). Fost dawn ir-rekwiżiti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunament iġib l-effett li ma jkunx kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Il-kriterju, għalhekk, hu wieħed oġġettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju." Il-Professur Mamo fin-noti tiegħu (pagna 241) jikkummenta "The test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self control, not whether it was sufficient to deprive of his self control the particular person charged ..."*.[15]

Li għamel ħażin il-konvenut kien li rreaġixxa b'mod piuttost sproporzjonat, u dan dovut ukoll għall-fatt li huwa kien ferm iżgħar fl-eta' mill-attur[16] imma x'aktarx ikbar minnu fid-daqs.[17] F'tali ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ħtija għal dan l-inċident għandha tiġi spartita ugwalment bejn l-attur u l-konvenut.

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn id-danni jikkonsistu:

1. fit-telf effettiv li l-egħmil tal-persuna responsabbli tkun ġabet direttament lill-parti li tbagħti l-ħsara;

2. fl-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara;

3. fit-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali, u

4. fit-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita' għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.

Madankollu, kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.

[15] Pulizija vs Darren Micallef: 26.03.2015
[16] Il-konvenut kien għadu fl-għoxrinijiet, mentri l-attur kien ta' mezz' eta'
[17] Kif jirrimarka l-legali tal-attur fil-kontro-eżami tal-konvenut, a fol.325 l-attur huwa ta' statura qasira

Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[18]

Kif rajna, skond il-ligi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

Fil-kazżin eżami ma ssemmew u lanqas huma qed jiġi pretiżi ebda danni f'dan ir-rigward.

**Lucrum Cessans**:

Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell : *"Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunzjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom. Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'."*[19] Imma kif ġie enfasizzat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, *"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'."*[20] Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "Butler vs Heard". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat

[18] Savona v. Asphar : Appell : 23.6.1952.
[19] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et. Appell: 15.01.2002
[20] Francis Sultana vs John Micallef et noe. Appell: 20.07.1994

sabiex ikun iktar realistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali.[21]

L-espert mediku l-kirurgu Mr. Charles Grixti stabilixxa ir-rata ta' diżabilita' permanenti li qed issofri minnha l-attur minħabba d-debilita' f'sebgħu il-kbir ta' idu x-xellugija bħala waħda ta' tmienja fil-mija (8%).[22]

L-esperti psikjatriċi addizzjonali qalu li l-attur kien qed ibati wkoll minn *post traumatic stress disorder*. Fir-relazzjoni tagħhom huma jispjegaw li: "*Is-sintomi ta' din il-kundizzjoni psikjatrika jiġru wara li persuna tesperjenza trawma mhux mistennija u ta' natura li dak il-ħin il-persuna tħossha li jew se tweġġa serjament jew se titlef ħajjitha.*" Huma għalhekk iffissaw id-debilita' permanenti f'dan ir-rigward f'persentaġġ ta' sittax fil-mija (16%).[23] Irriżulta li l-attur żarma mix-xogħol tiegħu in segwitu għal dan l-inċident,[24] u beda jfittex il-kura psikjatrika propjru minn ftit xhur wara.[25] M'għandux jibqa' għalhekk ebda dubbju li din il-kondizzjoni tal-attur hija relatata mal-esperjenza tiegħu fl-inċident in kwistjoni.

Fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna naraw illi meta tikkonkorri diżabilita' fiżika ma' waħda psikologika, tittieħed il-medja bejn dawn iż-żewġ tipi ta' diżabilita', dak li jssejjah *weighted average*. Hekk per eżempju ingħad fis-sentenza fil-kawża "Paul Bottone et noe vs Rita Saliba et.":

"*Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iż-żewġ persentaġġi ta' diżabilita fiżika…u dik psikologika… għandhomx jingħaddu flimken biex jirriżulta persentaġġ wieħed jew jekk jittieħidx average. Din il-Qorti tagħżel li ma tgħoddx iż-żewġ persentaġġi flimkien, imma li tagħti persentaġġ wieħed li jikkomprendi t-tnejn…*".[26]

Fil-każ tagħna għalhekk dan il-persentaġġ ta' debilita' permanenti jiġi: 12%.

Fil-kawżi li segwew is-sentenza f'Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum il-ġurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa' ebda

[21] Emanuel Mizzi vs Carmel Attard; sentenza ta' din il-Qorti tat-13.05.2003
[22] Ara relazzjoni ta' dan l-espert mediku a fol.1 44 – 148 tal-proċess
[23] Ara rapport a fol.492
[24] Ara deposizzjoni tiegħu a fol. 26 -28
[25] Ara ċertifikat tal-psikjatri Dr. David Cassar tal-10.01.2008 esebit bħala Dok.VG.1 a fol.128, u dak ta' Dr. J.Vella Baldacchino tad-9.06.2001 esebit bħala Dok.SG 7 a fol.48
[26] Prim'Awla: 7.01.2003

raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha.[27] Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu tmienja u erbgħin (48) sena,[28] u skond formula applikata mill-Qorti tal-Appell għal dan il-fini, għandu jiġi kunsidrat multiplier ta' ħdax (11).[29]

L-attur jgħid li dik il-ħabta kien jaqla'madwar Lm3000 fis-sena min-negozju tiegħu tal-bejgħ tal-ġelati. Imma dwar dan baqa' ma ressaq ebda prova. Jidher għalhekk illi, fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, għandha titieħed il-*mimimum wage* bħala bażi għall-kalkolu dovut f'dan ir-rigward. Skont ġurisprudenza kostanti, l-paga li trid tittieħed in konsiderazzjoni hija dik applikabbli dakinhar tal-inċident mertu tal-kawża. Fis-sena 2000 din kienet €112.70 fil-ġimgħa,[30] li jġibu €5860.40 fis-sena.

Wara li jiġi kunsidrat il-fatt żvarjat tal-ħajja, u tenut kont li l-paga minima nazzjonali tiżdied mal-medda taż-żmien, din il-figura għandha tiżdied b'għoxrin fil-mija (20%) sabiex tagħmel tajjeb għal din iż-żieda. Dan iwassal għalhekk għal bażi ta' €7023.48 fis-sena.

Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: €7032.48ċ (media ta' paga bażi) x 11 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 12% (debilita' permanenti) x 120% għar-rata ta' inflazzjoni = €11139.45ċ. Soltu jitnaqqas kwint (1/5) minħabba l-*lump sum payment*, u ċioe' €2227.89ċ, biex jiġi li hu dovut f'dan ir-rigward €11139.45ċ – €2227.89ċ = €8911.56ċ.

Minħabba li ġie deċiż li l-attur irid jissaporti nofs il-ħtija hu stess, l-ammont pagabbli mill-konvenut jiġi: €4455.78ċ.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Giovanna Portelli u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, tiddeċidi dwar it-talbiet attriċi billi:

1. tiddikjara lill-attur u l-konvenut ugwalment responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' tmint elef, disa' mija u ħdax il-euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€8911.56ċ).

[27] Agius ve Galea et noe. , Kummerċ: 11.07.1989; Buttigieg vs Azzopardi, Kummerċ: 25.07.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg, Prim'Awla: 8.05.1990

[28] Ara ċertifikat mediku ta' Mr.R. Aquilina a fol.46 tal-process, minn fejn jirriżulta li l-karta tal-identita' tal-attur hija 15552 G

[29] Darren Sammut vs Eric Zammit, Appell:3.12.2004; ara wkoll Emmeline Cini vs Antoine Cachia, Prim' Awla:18.02.2013

[30] Ara SL452.71 – National Minimum Wage National Standard Order

3. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas nofs dan l-ammont, u ċioe' erbat elef erba' mija ħamsa u ħamsin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€4455.78ċ) lill-atturi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-24 ta' Mejju 2002, bin-nofs bejn l-atturi minn naħa u l-konvenut minn naħa l-oħra, b'dan pero' li l-ispejjeż tal-konvenuta għandhom jiġu ssoportati mill-atturi biss.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur